# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-1 ta' Awwissu 2022**

**Rikors Numru : 133/2022 JPG**

**Kawza Numru : 28**

**AH**

**Vs**

**OB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' AH datat 8 ta' Marzu 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar l-4 ta' Dicembru tas-sena 1999 gewwa Malta u l-istess zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 2188, MR No. 2000/1999 )certifikat anness u mmarkat 'Dok A');*

2. *Illi mill-istess zwieg twieldet tifla bl-isem ta' MBH f'X (certifikat tat-twelid anness bhala Dok B);*

3. *Illi l-partijiet infirdu minn xulxin b'kuntratt iffirmat quddiem in-Nutar Pubbliku Dr Ritienne Bugeja Fenech fit-13 ta' Jannar tas-sena 2012 (kuntratt anness u mmarkat 'Dok C') wara li gew debitament awtorizzati;*

4. *Illi l-partijiet ma ghexux flimkien ghal aktar minn ghaxar snin u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

5. *Illi fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-*

*hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

*(i) Tiddikjara z-zwieg ta' bejn il-partijiet mahlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;*

*(ii) Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiz-zmien hekk prefiss mill-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jigi registrat;*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimat deher mhux assistit fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2022 u l-Qorti spjegat lilu id-drittijiet legali tieghu izda hu ddikjara li ma jehtiegx assistenza legali u li ma kellux oggezzjoni ghad-divorzju (vide fol 22);

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AH xehdet** (vide affidavit fol 17) illi l-kontendenti zzewgu nhar l-4 ta' Dicembru 1999 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla illi ghadha minorenni. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 13 ta' Jannar 2012 fl-atti tan- Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech. Iddikjarat illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin.

**OB xehed** (vide xhieda fol 23) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar l-4 ta' Dicembru 1999, liema zwieg jgib certifikat numru 2188/1999 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech nhar it-13 ta' Jannar 2012 (vide fol 7 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2188/1999 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**